# Kulleġġ San Tumas More

Skejjel Primarji

Eżami ta' Nofs is-Sena

## STUDJI SOĊJALI

| Is-Sitt Sena | Frar 2018 | Ħin: 60 minuta |
|---|---|---|

Isem: ___________________________________ Total ta' marki: [ ]

Klassi:___________________________________

# TAQSIMA A: L-ASSEDJU L-KBIR

**EŻERĊIZZJU A: Min Jien? - Ikteb l-isem tal-personaġġ skont l-informazzjoni mogħtija. Agħżel minn dawn l-ismijiet:** *Toni Bajada, Sulejman, Dragut, De Valette, Don Garcia de Toledo, Mustafa Piali, Mustafa Paxa.*

| | |
|---|---|
| 1) Jien il-Granmastru li mexxejt lill-Kavallieri u lill-Maltin fi żmien l-Assedju. | |
| 2) Jien issograjt ħajti kemm–il darba biex inwassal il-messaġġi bil-għawm bejn Sant'Anġlu u Sant'Iermu. | |
| 3) Jien il-viċiré ta' Sqallija li ġibt l-għajnuna għal Malta fis-7 ta' Settembru. | |
| 4) Jien is-Sultan Tork li bgħatt l-armata tiegħi biex tattakka lil Malta biex teqred lill-Kavallieri. | |
| 5) Fi żmien l-Assedju jien kont il-kaptan tal-flotta Torka. | |
| 6) Jien kont il-ġeneral tas-suldati Torok. | |
| 7) Jien il-furban Tork li bis-saħħa tiegħi t-Torok rebħu lil Sant'Iermu iżda sfortunatament tlift ħajti waqt l-attakk. | |

**(7 marki)**

EŻERĊIZZJU B: Ikteb l-isem ta' dawn il-Fortifikazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Ċittadella | Mdina |
| Sant'Anġlu | Sant'Iermu |









**(4 marki)**

**EŻERĊIZZJU Ċ: Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin skont kif seħħew l-avvenimenti billi tikteb in-numri minn 1 sa 10 fil-kaxxi.**

| | |
|---|---|
| | Il-Prinċpijiet Insara fehmu l-importanza ta' Malta u għenu billi bagħtu flus għall-bini tal-Belt Valletta |
| | L-ewwel attakk sar fuq il-forti Sant' Iermu. |
| | B'din ir-rebħa Malta dehret bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu. |
| | Il-flotta Torka waslet fit-18 ta' Mejju 1565 u tħalliet fil-port ta' Marsaxlokk. |
| | Fis-7 ta' Settembru ġriet l-aħbar li kienet waslet għajnuna kbira għal Malta. |
| | Wara xi żmien wasal Malta il-furban Dragut li beda jgħin mhux ftit f'dan l-attakk. |
| | Il-ġid f'pajjiżna beda jikber u Malta bdiet it-triq għall-progress. |
| | Wara huma attakkaw lill-Birgu, l-Isla u l-fortizzi ta' Sant Anġlu u San Mikiel iżda ma rebħuhomx. |
| | It-Torok qatgħu qalbhom, qabdu x-xwieni u telqu lura lejn pajjiżhom. |
| | It-Torok irnexxielhom jirbħu Sant'Iermu fit-23 ta' Ġunju. |

**(10 marki)**

**EŻERĊIZZJU D: Wieġeb**

1) Wara l-Assedju, kif beda jissejjaħ il-Birgu?

_______________________________________________ (1)

2) Kif bdiet tissejjaħ l-Isla wara l-Assedju?

_______________________________________________ (1)



3) X'jismu dan il-monument?

_______________________________________________ (1)

4) Fejn jinsab dan il-monument?

______________________________________________________ (2)

5) X'jismu l-iskultur Malti li għamel dan il-monument?

______________________________________________________ (1)

6) X'jirrappreżentaw it-tliet figuri li jidhru f'dan il-monument?

a. il-figura maskili fin-nofs tirrappreżenta :

______________________________________________________ (1)

b. il-figura femminili fuq ix-xellug tirrappreżenta:

______________________________________________________ (1)

c. il-figura femminili fuq il-lemin tirrappreżenta:

______________________________________________________ (1)

**( 9 marki)**

# TAQSIMA B: IL-BINI TAL-BELT VALLETTA

**EŻERĊIZZJU E: Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| għajn tal-ilma | Vitorja | Xiberras | Francesco Laparelli |
| Peniżola | 6000 | Jean de Valette | Papa Piju V |

1. Il-Granmastru Jean de Valette talab l-għajnuna tal-________________.
2. Dan bagħat lill-perit ________________biex ifassal il-pjanta tal-belt il-ġdida.
3. Ir-Re Filippu II ta' Spanja flimkien mal-Papa bagħtu ________________suldat.
4. Il-post li ntagħżel għall-bini tal-belt il-ġdida kien fuq l-Għolja ________________.
5. Din kienet ________________għax kienet imdawra bil-baħar ħlief għal naħa waħda.
6. L-unika żvantaġġ li kellha din l-għolja kien li ma kellha l-ebda ________________.
7. L-ewwel ġebla tal-belt il-ġdida tqiegħdet fit- 28 ta' Marzu 1566, fil-post fejn inbniet il-knisja tal-________________.
8. Ġie deċiż li l-belt tissemma Valletta f'ġieħ il-Granmastru ________________.

**(8 marki)**

**EŻERĊIZZJU F: Ikteb VERU jew FALZ**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-ġebel tal-franka kellu jinqata' mill-barriera tal-Manderaggio. | |
| 2. | Wara Jean de Valette, laħaq il-Gran Mastru Perellos. | |
| 3. | Il-popolazzjoni tal-Belt fi żmien 40 sena telgħet minn xejn għal 10,000. | |
| 4. | Il-Forti Sant'Iermu kellu jinbena fin-nofs tal-Belt. | |
| 5. | Il-perit Ġlormu Cassar fassal il-pjanti tal-iktar binjiet importanti fil-belt il-ġdida. | |
| 6. | In-naħa ta' ġewwa tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann reġgħet ġiet imżejna fuq stil barokk. | |
| 7. | Il-Belt Valletta ġiet iddikjarata Wirt Dinji tal-Umanita' mill-Parlament Ewropew. | |
| 8. | Il-Palazz tal-Gran Mastri qiegħed f'nofs il-Belt Valletta u fih faċċata twila ħafna b'ħames bibien prinċipali. | |

**(8 marki)**



**EŻERĊIZZJU Ġ: Qabbel billi tikteb in-numri fil-kaxxi tan-nofs**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-perit li kompla x-xogħol wara Francesco Laparelli | | swar |
| 2. | Mibni fuq pjanta forma ta' salib | | bereġ |
| 3. | Il-Kap tal-Kavallieri | **1** | Ġlormu Cassar |
| 4. | L-isptar tal-Ordni tal-Kavallieri fil-Belt Valletta | | Pinto |
| 5. | Ħitan kbar li jiddefendu l-belt | | Caravaggio |
| 6. | Kienu joqogħdu l-Kavallieri qabel marru joqogħdu l-Belt Valletta | | Perellos |
| 7. | Palazzi kbar li fihom kienu joqogħdu l-Kavallieri | | Is-Sagra Infermerija |
| 8. | Il-Gran Mastru li żejjen il-Palazz tal-Gran Mastri b'sett arazzi famużi | | Gran Mastru |
| 9. | Il-Gran Mastru li ried li l-faċċata tal-Berġa ta' Kastilja tinbena mill-ġdid fuq stil barokk. | | Kon-Katidral ta' San Ġwann |
| 10. | Pitter il-pittura tal-qtugħ tar-ras ta' San Ġwann li hemm fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. | | Birgu |

**(9 marki)**

# TAQSIMA Ċ: NIMMANIĠĠJAW L-ISKART

**EŻERĊIZZJU G: Immarka (✓) taħt sew jew ħażin**

| | | Sew | Ħażin |
|---|---|---|---|
| 1. | Immur għand tal-ħanut u nieħu basket miegħi. | | |
| 2. | Meta nikteb nuża l-karta minn żewġ naħat. | | |
| 3. | Narmi l-fliexken tal-plastik fil-borża s-sewda. | | |
| 4. | Nieħu l-'lunch' ippakkjat fil-borża tal-plastik. | | |
| 5. | Għandi żarbun u tqatta' ftit. Minflok insewwih narmih. | | |
| 6. | Għandi saqqu. Immur narmih barra. | | |
| 7. | Ma narmix il-batteriji fil-borża s-sewda. | | |
| 8. | Narmi kollox fil-borża s-sewda ħalli neħles mill-iskart malajr. | | |
| 9. | Nuża l-vażetti tal-ħġieġ biex nżomm xi affarijiet fihom. | | |
| 10. | Meta nagħmel 'craft' nuża l-kartun taċ-ċereali minflok kartonċina. | | |

**(10 marki)**

**EŻERĊIZZJU GĦ: Semmi eżempji differenti ta' skart**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Skart industrijali tal-bini u kostruzzjoni | |
| 2. | Skart mil-lukandi u restoranti | |
| 3. | Skart domestiku | |
| 4. | Skart mill-fabbriki | |

**(4 marki)**

**EŻERĊIZZJU H: Dawn huma xi affarijiet li nistgħu nieħdu fil-'bring-in sites'. Poġġihom taħt il-kontenitur li suppost**

Bottijiet tal-aluminjum

Bottijiet tal-landa

Fliexken tal-ħġieġ tal-inbid

Fliexken tal-plastik

Kartun irqiq

Landi tat-tonn taż-żejt

Magazines

Tazzi tal-plastik tal-yoghurt

Mera

Pitazzi qodma

Vażetti tal-ħġieġ

Kontenituri tal-plastik tal-ħasil tal-platti

| KARTA | PLASTIK | ĦĠIEĠ | METALL |
|---|---|---|---|
|   |   |   |   |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

**(6 marki)**

**EŻERĊIZZJU Ħ: Immarka b'sinjal (✓) f'liema borża se tpoġġi dan l-iskart. Fejn se tpoġġi dawn l-affarijiet? Fil-borża s-sewda jew fil-borża l-griża?**

| | BORŻA SEWDA | BORŻA GRIŻA |
|---|---|---|
| Flixkun tal-plastik tal-luminata | | |
| Qmis imqattgħa | | |
| Bott tal-'ice tea' | | |
| Ittri ħżiena | | |
| Pakkett vojt taċ-ċereali | | |

**(5 marki)**



## TMIEM TAL-KARTA